ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 03/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, il-31 ta' Awwissu 2010**

**Ħin: Fid-9.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 02/2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 02/2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU. 02/2010

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Is-Sindku tkellem dwar id-deċiżjoni tal-Kumitat li Triq il-Qbajjar issir *one-way*. Qal it-triq tista' ssir *one-way* għas-sajf. Is-Sur Saliba qal kif ta' Baron Group ikunu lesti mill-proġett tagħhom, din id-deċiżjoni tkun tista' tiġi mplimentata.

Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' Spettaklu ta' talent lokali li sar ġewwa Marsalforn. Qal li permezz ta' din l-attivita', urejna kif għandhom ikunu organizzati l-attivitajiet ġewwa Marsalforn.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li kien avviċinah il-Kunsillier Refalo u talbu biex l-attivita' Spettaklu ta' talent lokali ssir quddiem il-kjosk tiegħu. Is-Sindku qal kien mar ikellem liċ-Chairperson dwar dan u s-Sinj. Saliba qaltlu biex l-attivita' ssir fil-post deċiż mill-Kumitat. Is-Sindku qal hu mhux se jmur kontra d-deċiżjoni tal-Kumitat.

Is-Sur Zammit ssuġġerixxa li l-attivitajiet isiru f' postijiet differenti.

Is-Sur Debono ssuġġerixxa li l-attivitajiet li jsiru f' Marsalforn ikunu jinkludu talent lokali minn Marsalforn.

## 5. <u>RENDIKONT FINANZJARJU – KUMITAT AMMINISTRATTIV</u>

Is-Sur Debono qal għandu jsir pjan ta' ħidma li jirrifletti l-finanzi tal-Kumitat.

## 6. <u>SISTEMA ĠDIDA TA' DWAL FI TRIQ SANTA MARIJA</u>

Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tas-sistema ġdida ta' dwal għal Triq Santa Marija. Qal li l-applikazzjoni saret biex ikunu nstallata ħamsin fanal fi Triq Santa Marija, mill-Kartell Restaurant sal-pjazza ta' Lbies. Is-Sindku sostna li dan il-proġett għandu jkun ta' kulħadd.

Iċ-Chairperson qalet il-Kumitat ma jaqbilx li tintmess l-allokazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett.

Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-proġett tal-wied, proġett li l-Kunsill ilu għaddej fuqu għal dawn l-aħħar erba' snin biex jinġabu l-permessi meħtieġa.

## 7. <u>AFFARIJIET OHRA</u>

Is-Sur Sacco ppropona u l-Kumitat qabel li jitħawwlu siġar fil-Wied ta' Marsalforn (fil-bokka tal-wied, mal-ġnub tal-wied).

Is-Sur Zammit qal għandu talba biex isir *safety carpet* fil-*promenade* tal-Qbajjar.

Is-Sur Zammit qal fi Triq tan-Naħla hemm *sections* li ma fihomx bankini . Semma wkoll il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fit-triq ta' Wied l-Infern. Is-Sindku qal hemm programm ta' fondi mill-Ewropa u l-bdiewa jistgħu japplikaw għal fondi għall-bini ta' dawn il-ħitan.

Intqal li fis-*central strip* ta' Triq il-Qbajjar hemm bżonn li jitħawwlu xi fjuri.

Iċ-Chairperson irrappurtat li fi Triq il-Qbajjar (fl-inħawi tal-ispiżjerija) hemm żewġ tappieri miksura fuq il-bankina.

Il-Kumitat qabel li:

- nhar id-19 ta' Settembru 2010 jorganizza l-attivita' End of Summerfest, marċ mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ li jimxi minn Triq Santa Marija sal-Menqa.
- jżomm laqgħa ta' kortesija mal-Ministru għal Għawdex.
- jżomm laqgħa mas-Sur Cefai tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika dwar it-tindif ta' Marsalforn.

Is-Sur Debono tkellem dwar il-Kodiċi ta' Etika li jirregola l-bajjiet. Qal jixtieq li l-Kumitat jaddotta dan il-Kodiċi ta' Etika għall-Bajja ta' Marsalforn.

Is-Sur Zammit għamel referenza għas-siġġijiet u l-imwejjed li qed jitpoġġew fuq il-bankina faċċata tal-Lantern Guesthouse.

Ma kienx hemm qbil mat-talba biex fi Triq il-Qbajjar, fl-inħawi tal-ispiżjerija jsiru *parking bays* riservati għar-residenti permanenti (26/2010).

Il-Kumitat approva li jsir maqbad fit-taraġ li minn Triq il-Port jagħti għal fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn (fit-taraġ ta' maġenb l-għassa tal-Pulizija).

Intqal li fi Triq il-Wied hemm *litterbin* li qed jingombra l-bankina.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna fil-11.15 ta' filgħodu għal nhar it-Tlieta, it-28 ta' Settembru 2010 fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***